

Brussell, 9 ta' Frar 2015  
(OR. en)

5957/15

UEM 24  
ECOFIN 74  
SOC 51  
POLGEN 12  
EMPL 19  
EDUC 19  
ENV 41  
RECH 18  
ENER 24  
FISC 12  
TELECOM 27

**NOTA**

---

|          |                                                                                                                                                                                                     |
|----------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                    |
| lil:     | COREPER II u l-Kunsill                                                                                                                                                                              |
| Suġġett: | Semestru Ewropew 2015 - Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir : gwida makroekonomika u fiskali għall-Istati Membri u Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija<br>= Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill |

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u r-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija mħejjija mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, integrat f' dokument wieħed.

Il-Kunsill (ECOFIN):

## **I IS-SEMESTRU EWROPEW 2015**

1. JILQA' l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2015 tal-Kummissjoni, li jistabbilixxi prijoritajiet ta' politika ġenerali għall-impjiegi u t-tkabbir fl-UE u l-Istati Membri tagħha, u jimmarka l-punt tat-tluq tas-Semestru Ewropew 2015; u JFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2014 dwar il-miżuri ewlenin sabiex tiżdied l-attrattività tal-Unjoni għall-produzzjoni, l-investiment u l-innovazzjoni kif ukoll il-ħtieġa għal koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-politiki ekonomiċi.
2. JIKKONDIVIDI B'MOD ĠENERALI l-analiżi tal-Kummissjoni tas-sitwazzjoni ekonomika u l-isfidi tal-politika fl-UE. B'rispett sħiħ għar-rwol tal-atturi rilevanti kollha, jeħtieġ li l-politiki strutturali, fiskali u monetarji jikkontribwixxu għal approċċ li jiffavorixxi t-tkabbir biex jiġu indirizzati b'mod effettiv il-problemi ta' tkabbir baxx persistenti, inflazzjoni baxxa ħafna, dejn għoli u livell għoli ta' qgħad, filwaqt li jaġixxu kemm mil-lat tad-domanda kif ukoll dak tal-provvista tal-ekonomija tal-UE. Minkejja t-titjib reċenti, l-irkupru huwa iktar dgħajfef minn dak li kien mistenni preċedement b'livell baxx ta' żieda fil-produttività, livelli baxxi ta' investiment u livell għoli ta' qgħad. Jekk ma jiġux indirizzati, dawn il-fatturi ser idgħajfu b'mod sinifikanti l-potenzjal tat-tkabbir tal-Ewropa, u b'hekk ikun aktar diffiċli li jintlaħqu l-għanijiet tas-soċjetà.
3. F'dan l-isfond, JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jitrawwem l-investiment, jittejjeb l-ambjent ġenerali tan-negozju u jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq fl-Ewropa kif ukoll jiġu segwiti u intensifikati l-isforzi tal-Istati Membri biex jimplimentaw riformi strutturali u jiksibu konsolidazzjoni fiskali li tiffavorixxi t-tkabbir, sabiex ikun hemm il-bażi għat-tkabbir u l-impjiegi fl-Ewropa u għall-progress fuq il-miri ewlenin ta' Ewropa 2020. JAQBEL dwar l-oqsma ta' prijorità tal-politika ġenerali deskritti mill-Kummissjoni li fuqhom għandhom jiġu kkonċentrati l-isforzi fil-livell nazzjonali u f'dak tal-UE fl-2015; filwaqt li tingħata spinta lill-investiment, jiġġedded l-impenn għall-implimentazzjoni tar-riforma strutturali u tiġi eżerċitata r-responsabbiltà fiskali. Dawn il-prijoritajiet għandhom jiġu implimentati b'mod integrat sabiex jiġu indirizzati l-isfidi b'mod effettiv kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri. It-tliet prijoritajiet kollha huma importanti u jsaħħu lil xulxin.

4. JILQA' s-suġġerimenti tal-Kummissjoni li jiġi ssimplifikat u msaħħaħ is-Semestru Ewropew. IFAKKAR fl-opinjoni konġunta tal-KEF-EPC dwar ir-reviżjoni ta' nofs it-term tal-Istrateġija Ewropa 2020 u l-implimentazzjoni tagħha permezz tas-Semestru Ewropew. JAQBEL li l-għan tas-simplifikazzjoni tas-Semestru huwa li tiżdied ir-responsabbiltà politika, il-prevedibbiltà, l-obbligu ta' rendikont u l-aċċettazzjoni tal-proċess, biex tissaħħaħ il-kredibbiltà u l-komparabbiltà madwar l-Istati Membri u tgħin biex tittejjeb l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi. JIRRIKONOXXI li l-pubblikazzjoni ta' valutazzjoni ekonomika komprensiva waħda għal kull Stat Membru fl-aħħar ta' Frar tippermetti aktar trasparenza u feedback dwar l-analiżi tal-Kummissjoni u aktar żmien biex jiġu eżaminati u diskussi l-linji gwida tal-UE, li għandhom ikomplu jtejjbu r-responsabbiltà u l-proċess ta' sorveljanza multilaterali. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-monitoraġġ tal-prestazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika, inkluża l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, matul is-sena kollha. JISTIEDEN lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju u l-Kumitat tal-Politika Ekonomika biex jibqgħu involuti mill-qrib.
5. JIRRIKONOXXI li d-diskussjoni dwar is-Semestru Ewropew u l-bidliet li sarulu huma importanti wkoll minħabba l-ħidma futura dwar il-governanza ekonomika, ikkoordinata mill-President tal-Kummissjoni, flimkien mal-Presidenti tal-Kunsill Ewropew, tal-Bank Ċentrali Ewropew u tal-Grupp tal-Euro. Huwa wkoll importanti fid-dawl tar-reviżjoni ta' nofs it-term tal-Kummissjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020, u JISTENNA B'INTERESS id-diskussjoni fil-Kunsill Ewropew tar-rebbiegħa 2015.

## **II ORJENTAZZJONIJIET TAL-POLITIKA FISKALI U MAKROEKONOMIKA**

### **Jittejjeb l-ambjent tal-investiment u tingħata spinta lill-investiment**

6. JIRRIKONOXXI li hemm hteġa urġenti li tingħata spinta lill-investiment sabiex jissaħħu l-irkupru ekonomiku u l-potenzjal ta' tkabbir tal-UE. IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill f'Ottubru 2014 dwar miżuri b'appoġġ għall-investiment.
7. JILQA' l-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa li l-Kummissjoni ppreżentat flimkien mal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir li ser jikkomplementa u jsaħħaħ l-isforzi eżistenti permezz tal-għan tal-mobilizzazzjoni ta' mill-inqas EUR 315 biljun sa tmiem l-2017 f'investiment pubbliku u privat addizzjonali.

8. JAPPOĠĠA l-enfasi tal-Pjan fuq it-tliet objettivi ta' politika (i) it-treġġiġh lura tax-xejriet 'l isfel reċenti tal-investment u li tingħata spinta addizzjonali għall-ħolqien tal-impjiegi u l-irkupru tal-ekonomija tal-UE; (ii) it-teħid ta' pass deċiżiv lejn l-issodisfar tal-ħtiġijiet fit-tul tal-ekonomija tagħna billi tingħata spinta lill-kompetittività tagħha f'oqsma strateġiċi; (iii) it-tiżiħ tad-dimensjoni Ewropea tal-kapital uman u l-infrastruttura fiżika tagħna , b'enfasi speċjali fuq l-interkonnessjonijiet li huma vitali għas-suq uniku tagħna. Il-pjan għandu wkoll jikkontribwixxi għat-transizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju.
9. JISSOTTOLINJA l-importanza li l-inizjattivi meħudin taħt il-Pjan ta' Investment għandhom jindirizzaw il-fallimenti tas-suq u l-ħtiġijiet tal-ekonomija reali u għandhom jiġu kkomplementati b'miżuri li jtejbu l-ambjent tan-negozju u li jagħmlu l-investment iktar attraenti.

### **Impenn imġedded għal riformi strutturali**

10. JENFASIZZA li t-tkabbir jeħtieġ b'mod kruċjali li l-ekonomija Ewropea ssir iktar kompetittiva u li jiġi żgurat l-ambjent regolatorju adatt għall-investment fuq terminu twil. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' riformi strutturali. JIRRIKONOXXI li l-implimentazzjoni ambizzjuża ta' riformi strutturali fis-swieq tal-prodotti, tas-servizzi u tax-xogħol hija ferm importanti biex tiżied il-produttività, terġa' tinkiseb il-kompetittività u jittejjeb l-ambjent tan-negozju, u b'hekk jitrawmu wkoll l-investment produttiv privat, l-impjieg u l-potenzjal ta' tkabbir. Barra minn hekk, dawn jistgħu jikkontribwixxu għal bilanċ mill-ġdid dejjiemi tal-mudell ta' tkabbir tal-UE, inaqqsu l-effetti negattivi tat-tnaqqis fl-ingranaġġ u jikkontribwixxu għall-prevenzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi.
11. JAGĦRAF li s-suq uniku Ewropew għadu l-aktar magna b'saħħitha ta' tkabbir fil-livell tal-UE u li t-tlestija tas-suq uniku kemm tal-prodotti kif ukoll tas-servizzi hija prijorità, JENFASIZZA l-ħtieġa li jitneħħew l-ostakoli għas-Suq Uniku għas-servizzi li mhumiex ġustifikati jew li huma sproporzjonati , inkluż daww għas-settur tas-servizzi professjonali u kummerċjali, is-servizzi tal-kostruzzjoni u daww għall-konsumatur u JISTENNA B'INTERESS l-inizjattivi tal-Kummissjoni f'dan il-qasam. JISTENNA B'INTERESS ukoll l-inizjattivi tal-Kummissjoni rigward l-istabbiliment tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali. JIRRIKONOXXI li dan ser jeħtieġ enfasi qawwija fuq l-integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tal-prodotti u tas-servizzi fejn il-potenzjal għall-impjiegi, it-tkabbir u l-innovazzjoni huwa sinifikanti.

12. JISSOTTOLINJA li s-Suq Uniku Diġitali huwa essenzjali għall-impjiegi, it-tkabbir u l-innovazzjoni minħabba li l-ekonomija globali qed tittrasforma f'waħda diġitali. JENFASIZZA li t-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni mhijiex biss settur iżda l-pedament ta' ekonomija moderna u innovattiva.
13. JENFASIZZA li huma meħtieġa iktar riformi strutturali fis-swieq tal-enerġija flimkien ma' politika dwar it-tibdil fil-klima li tħares 'il quddiem, f'konformità mal-oġettivi tal-Ewropa 2020 u l-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 miftiehem mill-Kunsill Ewropew f'Ottubru 2014, u biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u jitlesta s-suq intern tal-enerġija, inkluż permezz ta' interkonnessjonijiet aħjar.
14. JAGĦRAF l-isforzi li għamlu l-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-riformi strutturali. JIKKONDIVIDI l-opinjoni li r-riforma u l-immodernizzar tal-ekonomiji tagħna huma meħtieġa sabiex isejju l-mudell soċjali Ewropew tagħna. JENFASIZZA l-importanza ta' aktar miżuri biex jiżiedu r-rati ta' parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, bħala sors ta' żieda fit-tkabbir potenzjali.
15. JENFASIZZA l-hteġa għal aktar sforzi għal riforma fl-Istati Membri kollha, li jikkorrispondu mal-livell li jkun baqa' ta' riġiditajiet u vulnerabbiltajiet. JISSOTTOLINJA l-hteġa li wieħed jiffoka fuq għadd ta' oqsma ta' riformi ewlenin inkluż id-dinamika tas-suq tax-xogħol, ir-riformi tal-pensjonijiet, l-immodernizzar tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, it-titjib tal-kompetizzjoni fis-swieq tal-prodotti u s-servizzi, it-titjib tal-kondizzjonijiet qafas għall-ambjent tan-negozju, it-titjib fil-kwalità tal-edukazzjoni u tal-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni u t-titjib tal-effiċjenza fl-amministrazzjoni pubblika. Filwaqt li mill-inqas uħud minn dawn l-oqsma huma importanti għall-Istati Membri kollha, kemm l-isfidi u konsegwentement il-miżuri eżatti rilevanti jvarjaw minn pajjiż għal ieħor.
16. JENFASIZZA li fi ħdan iż-żona tal-euro, għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-implimentazzjoni tar-riformi li huma speċjalment importanti għal funzjonament aħjar taż-żona tal-euro, u biex jissaħħu s-sinerġiji pożittivi u jiġu evitati konsegwenzi negattivi.

**L-insegwiment ta' konsolidazzjoni fiskali differenzjata li tiffavorixxi t-tkabbir u l-iżgurar tas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi**

17. JILQA' l-progress konsiderevoli li sar fil-konsolidazzjoni fiskali. JAGĦRAF li, fl-istess ħin, il-livelli ta' dejn pubbliku fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għadhom għoljin u li għad hemm il-ħtieġa li l-livelli ta' dejn jibdew jitnaqqsu. Għalhekk, JISĦAQ li huwa kruċjali għall-Istati Membri kollha li jkomplu jsegwu l-istrategġija maqbula ta' konsolidazzjoni fiskali favur it-tkabbir u differenzjata sabiex tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. JENFASIZZA li l-Istati Membri kollha għandhom jimplimentaw il-politiki fiskali tagħhom f'konformità mal-obbligi tagħhom taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, li jippermetti lill-istabilizzaturi awtomatiċi jaħdmu skont il-perkors maqbul ta' aġġustament strutturali, filwaqt li tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi. Dawn il-politiki għandhom ikunu stabbiliti f'oqfsa ta' governanza nazzjonali effettiva sabiex tissaħħaħ il-fiduċja. Għalhekk, JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipprovdi valutazzjoni sħiħa tat-traspożizzjoni tal-Patt Fiskali fil-liġi nazzjonali sa nofs l-2015.
18. IFAKKAR fl-impenn tal-Istati Membri taż-żona tal-euro li sar fit-8 ta' Diċembru sabiex jiġu indirizzati r-riskji identifikati mill-Kummissjoni fl-opinjoniġiet tagħha dwar l-abbozz ta' pjanijiet baġitarji għall-2015; u JISTIDINHOM ikomplu jissorveljaw mill-qrib u jiddiskutu s-sitwazzjoni fiskali aggregata taż-żona tal-euro inkluża l-pożizzjoni fiskali, abbażi tal-previżjonijiet ekonomiċi tal-Kummissjoni.
19. JIEĦU NOTA tal-Komunikazzjoni reċenti tal-Kummissjoni li tipprovdi gwida addizzjonali dwar kif il-Kummissjoni biħsiebha tagħmel l-aħjar użu mill-flessibbiltà fir-regoli eżistenti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. JIEĦU NOTA tal-isforzi tal-Kummissjoni biex tipprovdi aktar ċarezza dwar kif jiġi żgurat li l-qafas fiskali komuni jappoġġa l-aġenda ta' impjiegi u tkabbir tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-investiment u r-riformi strutturali, filwaqt li jirriflettu aħjar s-sitwazzjonijiet ċikliċi fi Stati Membri individwali. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tinżamm il-kredibbiltà u l-effikaċja fl-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

20. JISĦAQ li għandha tingħata aktar attenzjoni lill-kwalità u l-kompożizzjoni tal-aġġustament fiskali kif ukoll lill-influenza tal-politika fiskali fuq it-tkabbir, billi tittejjeb l-effiċjenza tan-nefqa u permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-investment produttiv fin-nefqa tal-gvern, billi ssir bidla għal sistema ta' tassazzjoni li hija aktar effiċjenti u favur it-tkabbir, u billi jiġu indirizzati l-frodi u l-evalazzjoni tat-taxxa sabiex tiġi żgurata l-ġustizzja u l-Istati Membri jkunu jistgħu jiġbru d-dħul mit-taxxa b'mod aktar effettiv.

### **III. Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija**

21. JILQA' r-raba' Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija (AMR) li jipprovdi l-punt ta' tluq tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP) fil-kuntest tas-Semestru Ewropew 2015. JILQA' l-progress kontinwu li qed jagħmlu l-Istati Membri fil-korrezzjoni tal-iżbilanċi esterni u interni tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tad-defiċits fil-kont kurrenti, il-kompetittività, u t-tiswija tal-karta tal-bilanċ fis-setturi kollha, li b'hekk jikkontribwixxu għall-bilanċ mill-ġdid fl-UE u fiż-żona tal-euro. Madankollu, JINNOTA li t-tkabbir bil-mod u l-ambjent ta' inflazzjoni baxxa huma ta' piż fuq it-tnaqqis tal-iżbilanċi u r-riskji makroekonomiċi u JIRRIKONOXXI li għad fadal sfidi importanti u li huwa meħtieġ aktar progress fl-azzjonijiet politiċi biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi, b'mod partikolari l-ammont ta' dejn għoli pubbliku u privat kif ukoll il-livelli għoljin ta' dejn estern li jagħtu lok għal tħassib dwar is-sostenibbiltà. It-titjib tal-kompetittività fl-UE tibqa' wkoll prijorità. Fl-istess ħin, jibqgħu jeżistu eċċessi elevati fil-kontijiet kurrenti f'xi uħud mill-Istati Membri li jeħtieġu eżami kontinwu aktar mill-qrib.
22. JIEĦU NOTA li l-eżami analitiku ekonomiku ppreżentat mill-Kummissjoni fl-AMR identifika 16-il Stat Membru li għalihom hi ġġustifikata aktar analiżi permezz ta' analiżijiet fil-fond (IDRs), li abbażi tagħhom jistgħu jiġu identifikati l-eżistenza u l-persistenza ta' żbilanċi u n-natura ta' dawn l-iżbilanċi. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa għal aktar analiżi tal-iżviluppi reċenti fl-Istati Membri fejn is-sena li għaddiet ġew identifikati żbilanċi, sabiex jiġi vvalutat il-livell u l-persistenza tal-iżbilanċi, ir-riskji tagħhom kif ukoll il-progress li sar lejn it-tnaqqis tagħhom, b'kont meħud tal-implimentazzjoni ta' miżuri rilevanti, inklużi dawk rakkomandati qabel fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

23. Filwaqt li l-pajjiżi tal-programm mhumix ivvalutati fl-MIP, peress li huma soġġetti għal sorveljanza mill-qrib taħt il-programm, JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għas-sostenn, bħala parti mill-programmi ta' aġġustament tagħhom, tal-progress miksub s'issa fir-riformi mmirati lejn il-korrezzjoni tal-iżbilanċi identifikati tagħhom. JILQA' l-integrazzjoni tal-Portugall fil-qafas ta' sorveljanza standard u t-tnejn ta' analiżi fil-fond wara t-tlestija b'suċċess tal-programm ta' aġġustament ekonomiku f'nofs l-2014. JIKKUNSIDRA li din l-istess proċedura għandha tiġi segwita minn pajjiżi oħrajn tal-programm ladarba huma jkunu kkompletaw b'suċċess il-programmi ta' aġġustament ekonomiku tagħhom. JAQBEL MAL-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipprepara analiżi fil-fond għar-Rumanija, minħabba dewmien fit-tlestija tal-analizzijiet semi-annwali fil-programm ta' aġġustament.
24. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li fl-aħħar ta' Frar tippubblika l-IDRs tal-2015 flimkien mad-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal f'dokument analitiku uniku għal kull Stat Membru għall-ewwel darba. Dan għandu jiffaċilita diskussjoni multilaterali aktar profonda tas-sejbiet u s-segwitu proċedurali ssuġġerit. Dan għandu jippermetti wkoll li ssir identifikazzjoni aktar ċara ta' elementi relatati mal-MIP għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Biex jiġi żgurati l-konċentrazzjoni u l-effikaċja sħiħa tal-proċedura, JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li wieħed jikkonċentra fuq l-indirizzar tal-isfidi ewlenin, b'mod partikolari li terġa' tinholq il-kompetittività u jiġi indirizzat l-ammont ta' dejn għoli pubbliku u privat kif ukoll il-livelli għoljin ta' dejn estern, filwaqt li ssir distinzjoni ċara bejn l-isfidi tal-Istati Membri f'termini ta' tipi u gradi differenti ta' riskju u l-urġenza rispettiva li biha għandhom jiġi indirizzati sabiex jiġi evitati konsegwenzi negattivi. JIKKUNSIDRA li l-parti korrettiva tal-MIP għandha tiġi applikata fejn xieraq.

25. JENFASIZZA li, bħal fis-sessjonijiet preċedenti tal-MIP, l-IDRs għandhom jinkludu eżami bir-reqqa tas-sorsi tal-iżbilanċi makroekonomiċi u r-riskji marbuta magħhom fl-Istati Membri taħt reviżjoni. Bil-ħsieb li jiġu eżaminati fid-dettall u b'mod konsistenti l-katalizzaturi tal-iżviluppi osservati, għandu jittieħed kont dovut tal-kondizzjonijiet ekonomiċi speċifiċi għall-pajjiżi, flimkien mal-użu sħiħ ta' sett wiesa' ta' għodod analitiċi u l-informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva l-aktar aġġornata ta' natura speċifika għall-pajjiż; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tkompli tagħti attenzjoni speċjali lill-konsegwenzi negattivi possibbli marbutin mal-politiki u l-iżbilanċi ekonomiċi fl-Istati Membri taħt reviżjoni; JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jipprovdu u jiskambjaw l-informazzjoni rilevanti kollha.
26. JILQA' l-użu mill-Kummissjoni tal-istandards statistiċi l-aktar reċenti għall-indikaturi inklużi fit-Tabella ta' Valutazzjoni u fl-indikaturi awżiljarji. JIKKUNSIDRA li s-sett attwali ta' indikaturi makroekonomiċi tat-tabella ta' valutazzjoni jkopri l-aktar dimensjonijiet rilevanti tal-iżbilanċi makroekonomiċi u l-iżviluppi tal-kompetittività. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għat-tkomplija tal-ħidma teknika bl-għan li jkomplu jittejjbu u jiżviluppaw l-adegwatezza tat-tabella ta' valutazzjoni kif ukoll l-għodod analitiċi u l-oqfsa għall-valutazzjoni tal-iżviluppi u l-ixpruni wara l-ħolqien u t-tneħħija tal-iżbilanċi, u għall-appoġġ għat-trasparenza tal-MIP.
27. JIEĦU NOTA tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tikkunsidra aktar ir-rwol tal-indikaturi soċjali fl-AMR u fl-analiżi tal-impjieg u l-isfidi soċjali fl-IDRs. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li titħares b'attenzjoni n-natura tal-proċedura tal-MIP filwaqt li jinżammu t-trasparenza u l-konsistenza fost l-indikaturi eżistenti kollha. JISSOTTOLINJA li l-użu ta' indikaturi soċjali fl-MIP għandu jibqa' limitat li jippermetti fehim aktar ġenerali tal-iżviluppi soċjali marbuta mal-aġġustament ta' żbilanċi makroekonomiċi. Sabiex dan ikun żgurat, huma meħtieġa aktar diskussjonijiet tekniċi mal-Istati Membri.

28. JILQA' r-rieżami tal-governanza ekonomika tal-Kummissjoni, inkluż ir-rieżami tal-applikazzjoni tal-MIP; JAQBEL li, minkejja ż-żmien limitat sa mid-dħul fis-seħħ tagħha, l-MIP ikkontribwixxiet għall-identifikazzjoni tal-iżbilanċi u d-determinazzjoni tan-natura tagħhom u għal fehim aħjar fost l-Istati Membri tal-isfidi speċifiċi u komuni tal-politika u r-risponsi politiċi tagħhom; JIKKUNSIDRA li hemm il-ħtieġa li tittejjeb il-prevedibbiltà u l-istabbiltà tal-proċess, inkluż il-monitoraġġ sussegwenti, u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet ta' politika rilevanti fil-livell nazzjonali.
29. Fl-aħħar nett, JISTIEDEN lill-Istati Membri jindirizzaw b'mod ambizzjuż u konkret fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma u l-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tagħhom li jmiss, il-kwistjonijiet identifikati fil-qafas tal-MIP.
-